# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF
## ONOR. ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAT-30 TA' NOVEMBRU, 2022

**Kawza Numru: 8**

**Rik. 245/2019 RGM**

**Federated Mills p.l.c.**

**(C-15023)**

**vs.**

**Dirk Farrugia**

**Il-Qorti:**

Din hija sentenza dwar talba ta' Min Iħaddem kontra l-Impjegat għal rifuzzjoni ta' ħlas ta' miżati dwar kors għal Masters Degree segwit mill-konvenut minħabba ksur tal-ftehim.

**Preliminari.**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Federated Mills p.l.c.** ippreżentat fis-7 ta' Marzu, 2019 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

**A. Dikjarazzjoni u Raġuni għat-Talba**

1. ILLI l-konvenut kien jaħdem mas-soċjetá attriċi Federated Mills plc bħala *Customer Relations and Sales Manager*;

2. ILLI permezz ta' '*Training Financial Agreement'*, iffirmat nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014), is-soċjetá attriċi aċċettat li tħallas lil konvenut is-somma globali ta' sittax-il elf u disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€16,988.15) sabiex l-istess konvenut jkun jista' jistudja u eventwalment jottjeni *Masters in Business Administration* (M.B.A) kif provduta mill-*Henley Business School* , *University of Reading.* (liema ftehim huwa hawn anness u mmarkat bħala '**Dok. FM 1**');

3. Illi ai termini tal-ftehim fuq imsemmi l-konvenut kellu jkun impjegat mas-soċjetà attriċi għal-*Compulsary Service Period* ta' minn tal-inqas sitt (6) snin wara li jkun temm il-kors ta' studju u jkun akkwista ċ-ċertifikat rilevanti;

4. Illi fil-ħamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-konvenut ta f'idejn is-soċjetá attriċi, l-ittra tar-riżenja

tiegħu b'dan illi huwa għażel li jittermina l-impjieg tiegħu u dan minkejja li ma kienx għadu gradwa u/jew spiċċa l-kors u għalhekk, qabel iż-żmien ikkontemplat fl-istess kuntratt, u dan kif jirriżulta mil-kopja tal-ittra tar-riżenja tal-konvenut hawn annessa u mmarkata bħala **'Dok FM 2'**;

5. Illi din ir-riżenja tmur kontra dak stipolat fl-artikolu 4.1 (b) tal-kuntratt hawn anness li jgħid:

"*4.1. The Company shall have the sole discretion to demand the Employee to pay damages incurred by the Company in the event that:*

*[…]*
*b. The Employee resigns from the Company and/or abandons the Programme before completion thereof without written consent of the Company;*"

6. Illi l-artikolu 4.2 tal-istess ftehim ikompli jgħid u jispeċifika li:

"*In any of the cases referred to under Clause 4.1a to 4.1g, the Employee is liable to pay the Company upon demand, all the Programme Fee instalments that the Company would have paid to that date, in accordance to the schedule of payment under Clause 1.3 of this agreement*"

7. ILLI fil-fatt jirriżulta li s-soċjetá attriċi kienet diġa ħallset is-somma kollha mitluba mill-konvenut kif miftiehem fil-kuntratt anness, u ċioè, sittax-il elf u disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€16,988.15), u dan kif jidher fil-kopja tar-rendikont hawn anness u mmarkat bħala '**Dok FM 3**';

8. ILLI kienet ta' sorpriża għas-soċjetá attriċi li l-konvenut għażel li jittermina l-impjieg tiegħu u li allura dan kien ifisser li kien sar ksur lampanti tal-artikoli hawn fuq indikati, u li l-konvenut kellu jħallas lura lis-soċjetá attriċi, l-ammont globali ta' flus li huma ħalsu sabiex huwa jkun jista jistudja u jottjeni il-*Masters Degree* kif hawn fuq spjegat;

9. ILLI minkejja diversi interpellazzjonijiet tas-soċjetà attriċi lill-konvenut, anke permezz ta' ittra uffiċjali li ġġib in-numru 4200/2018, il-konvenut baqa' għażel li jippersisti fl-inadempjenza tiegħu;

10. ILLI għalhekk, is-soċjetà attriċi ma kelliex alternattiva oħra għajr li tiftaħ il-kawża odjerna.

**B. Talbiet**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq premessi, is-soċjetà esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull ordni u dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni u/jew meħtieġa fiċ-ċirkostanzi:

1. **TIDDIKJARA** illi l-konvenut kiser il-kondizzjonijiet tat-'*Training Financial Agreement'* iffirmat nhar l-24 ta' Marzu 2014;

2. **TIDDIKJARA** u **TIDDEĊIEDI** illi la darba l-konvenut kiser l-obbligi tiegħu taħt l-imsemmi kuntratt tal-24 ta' Marzu 2014, hu obbligat jħallas lis-soċjetà attriċi l-'*Programme Fees'* imhallsin minnha;

3. **TIKKUNDANNA** u **TORDNA** lil konvenut jirrifondi lura l-ammont ta' sittax-il elf u disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€16,988.15) lis-soċjetà attriċi;

4. **TILLIKWIDA** kwalunkwe danni oħra kawżati mill-konvenut lis-soċjetà attriċi in addizzjoni ma' dawk kkundant u ordnat iħallas f' talba numru tlieta (3);

5. **TORDNA** lill-konvenut iħallas dawn id-danni hekk likwidati lill-istess soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk marbuta mal-ittra uffiċjali 4200/2018.

Rat ir-**Risposta ta' Dirk Farrugia** ipprezentata fit-30 t'April, 2019 fejn jinghad kif gej:

1. Illi it-talbiet attrici huma bla ebda fundament guridiku u fattwali kif ser jirrizulta fil-mori ta' dawn il-proceduri.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta attrici stante li kien hemm qbil bejn il-partijiet li s-socjeta attrici tirrinunzja ghal tali dritt reklamat minnha f'din il-kawza bhala parti mit-tibdil maqbul fil-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-esponent mas-socjeta attrici.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent, ghalkemm formalment deher li kien qieghed jirrizenja mill-impjieg tieghu, fil-fatt l-impjieg tieghu gie fi tmiemu fl-hekk imsejjah "Constructive Dismissal". F'dan is-sens l-esponent qabel ma nfethet din il-kawza kien diga istitwixxa proceduri opportuni fit-Tribunal Industrijali.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kienet is-socjeta attrici li vvjolat il-ftehim ta’ bejn il-partijiet u mhux l-esponent.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta attrici ma sofriet l-ebda danni u jiekk sofriet xi danni dawn ma humiex imputabbli lill-esponent.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ingunti in subizzjoni.

B’rizerva ta’ kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti fil-ligi.

**Fatti fil-Qosor**.

1. Fis-sena 2011 is-soċjeta’ attriċi ingaġġat lill-konvenut bħala ‘customer relations manager’ li maż-żmien żviluppat għal kariga ta’ ‘customer relations and sales manager’.
2. Fl-24 ta’ Marzu 2014 ġie ffirmat ftehim bejn il-partijiet li intitolawh “Training Financial Agreement” li permezz tiegħu is-soċjeta’ attriċi ftehmet mal-konvenut illi tiffinanzjalu il-kors li kien beħsiebu jagħmel sabiex jottjeni Masters in Business Administration (M.B.A.) provdut minn Henley Business School, University of Reading. Fost il-kondizzjonijiet hemm stipulati il-konvenut intrabat illi wara li jottjeni l-kwalifika imsemmija huwa jibqa’ impjegat mas-soċjeta’ attriċi għal ta’ lanqas sitt snin. Għal dan il-għan is-soċjeta’ attriċi ħarġet is-somma ta’ €16,988.15 liema somma kellha tiġi mħallsa lis-soċjeta’ attriċi fl-eventwalita’ li l-konvenut jabbanduna l-kors jew inkella jekk jirriżenja mill-impieg qabel l-għeluq tal-imsemmija sitt snin.

3. Il-pagament tas-somma imsemmija s-soċjeta attriċi effettwatu fl-intier tiegħu permezz ta' diversi pagamenti direttament lil Henley Business School.[1]
4. F'Mejju 2017 meta l-konvenut kien għadu għaddej bil-kors huwa qal lil general manager tas-soċjeta' attriċi ta' dak iż-żmien Alex Meilak li kellu l-possibilita' li jmur jaħdem ma' ħaddieħor b'pakkett finanzjarju aħjar. Għalhekk staqsa jekk il-kumpanija attriċi kenitx lesta' li ttejjeb il-pakkett finanzjarju tiegħui magħha qabel jiddeċiedi jekk jirriżenjax.
5. Skond il-konvenut, sabiex iħajru jibqa' jaħdem mas-soċjeta' attriċi Alex Meilak offrilu li jtejbulu l-pakkett finanzjarju inkluż li jneħħu mit-Training Financial Agreement il-klawsola li permezz tagħha kien marbut illi wara li jispiċċa l-kors jibqa' jaħdem mas-soċjeta' attriċi għal ta' lanqas sitt snin. Din l-allegazzjoni tal-konvenut li kien hemm ftehim dwar emenda ghat-Training Financial Agreement hija kontestata mis-soċjeta' attriċi.
6. Hemm diverġenza wkoll bejn il-partijiet dwar kif wasal fi tmiemu l-impieg tal-konvenut minn mas-soċjeta' attriċi. Is-soċjeta' attriċi tgħid illi l-konvenut irriżenja minn jeddu b'effett mill-1 ta' Novembru 2018 filwaqt li l-konvenut jgħid illi kien kostrett jirriżenja minħabba aġir ta' uffiċjali tal-kumpanija attriċi li allegatament bl-aġir tagħhom għamluha impossibbli lill-konvenut li jibqa' jaħdem hemmhekk.
7. Wara li rriżenja mill-impieg mas-soċjeta' attriċi l-konvenut istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali fejn talab li jiġi dikjarat li sofra minn tkeċċija inġusta mill-impieg msejjes fuq pretensjoni ta' "constructive dismissal".
8. B'deċiżjoni tas-7 ta' Mejju 2021 it-Tribunal Industrijali iddeċieda illi l-impieg tal-konvenut mas-soċjeta' attriċi "... ma kienx terminat mix-xogħol inġustament, it-terminazzjoni tal-impieg kienet skont il-liġi, u għalhekk mhijiex constructive dismissal". Dik id-deċiżjoni ġiet appellata mill-konvenut liema appell ġie

[1] Fol 50 sa Fol 63 tal-proċess.

dikjarat null mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza tat-23 ta' Marzu 2022.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

9. L-eċċezzjonijiet tal-konvenut għat-talbiet attriċi huma s-segwenti:

(i) Illi kien hemm qbil bejn il-partijiet fis-sens li s-soċjeta' attriċi tirrinunzja għad-dritt tagħha li titlob rifuzzjoni minħabba ksur "bħala parti mit-tibdil maqbul fil-kundizzjonijiet tal-impjieg";

(ii) Illi l-klawsola invokata mis-soċjeta' attriċi mhiex applikabbli peress li ma seħħitx riżenja mill-impieġ iżda tkeċċija fil-forma ta' "constructive dismissal";

(iii) Illi kienet is-soċjeta' attriċi li vvjolat il-ftehim u mhux il-konvenut;

(iv) Illi s-soċjeta' attriċi ma sofriet l-ebda danni.

Ikkunsidrat;

10. **Klawsola 4.1 (b)** tal-ftehim fuq imsemmi bejn is-soċjeta' attriċi, bħala min iħaddem, u l-konvenut, bħala l-impjegat ġie stipulat illi:

"4.1 The Company shall have the sole discretion to demand the Employee to pay damages incurred by the Company in the event that:
[…]
b. The Employee resigns from the Company and/or abandons the Programme before completion thereof without the written consent of the Company".

11. Is-soċjeta' attriċi qed tadixxi lill-Qorti billi tinvoka **Klawsola 4.2** tal-ftehim li tistipula illi:

"In any of the cases referred to under Clause 4.1a to 4.1g, the Employer is liable to pay the Company upon demand, all the Programme Fee Instalments that the Company would have paid to that date, in accordance wo the schedule of payment under Clause 1.3 of the agreement."

Ikkunsidrat;

12. Ai termini tal-**Artikolu 992 tal-Kapitolu 16** tal-Liġijiet ta' Malta il-kuntratti magħmula skond il-liġi huma liġi għall-partijiet li jidhru fuq dak il-kuntratt. Xejn ma jħassar dak il-kuntratt jekk mhux bil-kunsens tal-partijiet jew inkella għal raġunijiet kontemplati fil-liġi bħal per eżempju forza maġġuri.[2]

13. Isegwi **Artikolu 993 tal-Kap 16** li jipprovdi l-prinċipju ġenerali li l-kuntratti għandhom jiġu eżegwiti in bona fede u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.

14. Bħala element ta' prova li tista' titressaq dwar x'inhu effettivament dak li jkun ġie mifthiem, ma humiex ammissibbli provi kontra dak miktub ħlief f'sitwazzjonijiet speċifiċi dejjem konsiderati bħala eċċezzjonali b'applikazzjoni tal-massima legali *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur*.

[2] **Artikolu 1134 tal-Kap. 16**: Id-debitur mhux obbligat għad-danni jekk hu ma setax jagħti jew jagħmel il-ħaġa li obbliga ruħu li jagħti jew li jagħmel, jew għamel il-ħaġa li ma kellux jagħmel, minħabba forza maġġuri jew minħabba aċċident

15. Kif ġie dikjarat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Darren Grima vs Frederick Schell et.** mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2021:

> "Il-fatt li l-partijiet ma jaqblux dwar l-interpretazzjoni ta' patt kuntrattwali, għax kull waħda tkun trid l-interpretazzjoni li l-aktar taqbel mal-interess tagħha, ma jagħmilx anqas ċar dak li fil-fatt huwa ċar. F'dawn iċ-ċirkostanzi japplika l-prinċipju illi *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur* għax il-patt huwa ċar u ma jeħtieġ ebda eluċidazzjoni, ma hemm ebda allegazzjoni ta' simulazzjoni, ma nqala' ebda "avveniment Ii jkollu bħala konsegwenza kwistjoni Ii ma tkunx ġiet preveduta".....".

16. Dwar li l-ftehim ta' bejn il-partijiet għandu s-saħħa ta' liġi għall-istess partijiet intqal illi:"….. gialadarba kuntratt ghandu forza ta' ligi bejn il-partijiet li jaghmluh (Artikolu 992(1) Kodici Civili,) l-interpretazzjoni tieghu tinnecessita li wiehed jestraja minnu skond ir-regoli maghrufa l-volonta komuni reali konsegwita mill-kontraenti." (**"Onor. Edgar Cuschieri nomine vs Perit Gustavo R. Vincenti"** - Appell Superjuri - 13 ta' Frar 1950); fuq l-istess linja **Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et** - Prim' Awla - 30 ta' Mejju 2002: "Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta tal-kontraenti kif espressa… li kellha tipprevali u trid tigi osservata. *Pacta sunt servanda*."

17. Il-ftehim intitolat *Training Financial Agreement* huwa ċar fir-rigward ta' dak li eventwalment seħħ fil-każ in ezami. Klawsola 4 tal-ftehim issemmi tmien (8) ċirkostanzi fejn is-soċjeta' attriċi setgħat titlob mingħand il-konvenut il-flus li tkun ħarġet għall-kors li kien ser isegwi a spejjeż tagħha. Fost dawn iċ-ċirkostanzi hemm illi l-konvenut jtemm l-impieg tiegħu qabel jispiċċa l-kors. F'tali ċirkostanza s-soċjeta' attriċi ingħatat id-dritt skond il-ftehim

li titlob mingħand il-konvenut li jħallasha dak li tkun ħarġet għal kors sa dakinhar; kif fil-fatt qed tagħmel bil-mezz tal-kawża odjerna.

18. Il-konvenut mhux jikkontesta l-eżistenza tal-ftehim u l-klawsoli hemm stipulati. Li qed jikkontesta permezz tal-eċċezzjonijiet tiegħu huma: (i) is-soċjeta' attriċi kienet irrinunzjat għad-dritt tagħha naxxenti minn klawsola 4.2 tal-ftehim; (ii) is-soċjeta' attriċi vvjolat il-ftehim billi għamlitha impossibbli għalih li jibqa' jaħdem magħha u allura dan ma hux każ ta' tmiem volontarju ta' mpieg iżda "Constructive Dismissal"; (iii) Is-soċjeta' attriċi ma sofriet l-ebda danni.

**Rinunzja**

19. Id-difiża prinċipali tal-konvenut għaliex m'għandux iħallas l-ammont reklamat mis-soċjeta attriċi hi illi skond il-konvenut il-*general manager* tiegħu ta' dak iż-żmien, Alex Meilak, kien wasal fi ftehim verbali miegħu illi s-salarju bażiku tal-konvenut jitla' għal €33,500; li jieħu rata ta' *commission*; li jkun jista' jieħu numru ta' ġranet bħala *study leave* u fl-aħħar, rinunja għall-obbligi tal-konvenut naxxenti mit-*Training Financing Agreement* jekk il-konvenut jibqa' fl-impieg għal sena oħra.

20. Il-konvenut isostni illi ir-rinunzja tas-soċjeta' attriċi għad-dritt li titlob rifużjoni ta' dak li ħarġet fir-rigward tal-kors tiegħu kien parti minn pakkett finanzjarju li huwa innegozja mal-general manager tas-soċjeta' attriċi ta' dak iż-żmien Alex Meilak.

21. Il-konvenut pero' jgħid ukoll illi għalkemm iż-żieda fis-salarju ġiet implimentata; ftehim dwar ir-rata tal-kummissjoni qatt ma seħħ; in-numru ta' ġranet ta' study leave baqgħu ma ġewx stabbiliti u r-rinunzja għar-rifużjoni tal-ispejjeż baqgħet ma ġietx inkluża fi ftehim ġdid bil-miktub.

22. Alex Meilak jiċħad li huwa wasal fi ftehim mal-konvenut illi l-kumpanija tirrinunzja għad-drittijiet tagħha naxxenti mit-*Training Financing Agreement.* Anzi jgħid illi meta l-konvenut avviċinah li kien ġie offert pakkett finanzjarju aħjar minn kumpanija oħra huwa kien fakkru fl-obbligi li l-konvenut kellu skond it-*Training Financing Agreement.*

23. Minn dan isegwi illi hawn żewġ verżjonijiet konfliġġenti fejn mill-banda l-waħda il-konvenut isostni li l-kumpanija attriċi tramite l-*general manager* tagħha ta' dak iż-żmien waslet fi ftehim verbali miegħu li tirrinunzja għall-klawsola ta' rifużżjoni filwaqt li min-naħa tagħha s-soċjeta' attriċi tiċħad li qatt intlaħaq tali ftehim allegat mill-konvenut.

24. Alex Meilak jiċħad illi huwa qatt ftiehem mal-konvenut li l-kumpanija kienet qed tirrinunzja għall-klawsola li kienet tagħtiha d-dritt li titlob lill-konvenut li jħallasha l-ammont li tkun ħarġet għall-kors tiegħu jekk isseħħ xi waħda mill-ċirkostanzi hemm kontemplati.

25. Minn tali sitwazzjoni ta' verżjonijiet konfliġġenti jemerġu żewġ konsiderazzjonijiet prinċipali.

**Apprezzament tal-Provi quddiem Konflittwalita'**.

26. L-ewwel waħda tirrigwarda l-apprezzament tal-provi meta l-Qorti hi rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti.

27. Huwa miżmum illi "mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verzjonijiet moghtija tal-partijiet) ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-

Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke' fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (...) anzi', f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti." (**Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia** - Prim' Awla - 24 ta' Novembru 1966);

28. Ġie wkoll miżmum illi meta qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet jew aktar li ma joqgħodux flimkien għandha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni ta' dawk il-verżjonijiet konfliġġenti:

1. Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u

2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima *actore non probante reus absolvitur*.[3]

29. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami il-Qorti u wara li fliet il-provi mressqa mill-partijiet tikkonsidra illi l-verżjoni li ta l-konvenut ma hiex kredibbli.

[3] **Pickless Limited vs Saviour Farrugia et**. - Appell Superjuri - 30 ta' Ġunju 2021; ara wkoll **Maria Xuereb et. vs. Clement Gauci et**. - Appell Inferjuri - 25 ta' Ġunju 1980)

30. Ġie osservat illi l-konvenut ma ressaq l-ebda prova korroborattiva għall-allegazzjoni tiegħu. Jekk inhu minnu dak li qed jallega, lanqas li wieħed kien jistenna huwa illi fil-korrispondenza li kienet għaddiet bejnu u bejn il-kumpanija dwar miljorament fil-pakkett finanzjarju tiegħu qua impjegat wieħed raġjonevolment kien jistenna li jsib referenza għal dan is-suppost ftehim verbali li jallega l-konvenut; jekk mhux min-naħa tiegħu almenu minn naħa tal-kumpanija. Pero' xejn minn dan ma jirriżulta fl-atti.

31. In oltre, jiġi osservat illi l-allegazzjoni tal-konvenut f'dan ir-rigward ma hi xejn verosimili. X'sens jagħmel dak li qed jallega l-konvenut meta f'nifs wieħed jgħid illi l-kumpanija kienet qegħda tiddiskuti miegħu pakkett finanzjarju aħjar sabiex tħajru jibqa' jaħdem magħha u f'nifs ieħor il-kumpanija tneħħi l-kundizzjoni li kien hemm fil-ftehim illi jibqa' jaħdem magħha għal numru ta' snin. L-allegazzjoni tal-konvenut mhux biss ma ġietx ippruvata sal-grad li trid il-liġi; iżda hija wkoll milquta minn inverosimiljanza lampanti li tverġi fuq l-illoġiku.

32. Fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-konvenut illi kienet is-soċjeta' attriċi li kisret il-ftehim u mhux hu meta jallega illi ġie mkeċċi bil-mezz ta' 'constructive dismissal' ftit hemm x'jingħad fir-rigward.

33. Huwa minnu li l-konvenut ħarrek lis-soċjeta' attriċi quddiem it-Tribunal Industrijali dwar pretensjoni ta' 'constructive dismissal' u xlijha illi kien kostrett jirriżenja minħabba aġir intollerabbli fil-konfront tiegħu minn uffiċjali tal-kumpanija attriċi. Iżda jirriżulta wkoll illi b'sentenza tas-7 ta' Mejju 2021 it-Tribunal Industrijali ċaħad it-talbiet tal-konvenut u ddikjarat illi ma kien irriżulta l-ebda tkeċċija taħt il-kappa ta' *constructive dismissal*. Is-sentenza tat-Tribunal Industrijali llum hija *res iudicata* u għalhekk tagħmel stat di fronte għall-partijiet. Tgħodd għalhekk il-massima legali *res iudicata pro veritate habetur*.

34. Fir-rigward tal-aħħar żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut li permezz tagħhom jeċċepixxi illi kienet is-soċjeta' attriċi li vvjolat il-ftehim u li fi kwalunkwe każ illi s-soċjeta' attriċi ma sofriet l-ebda danni u li jekk sofriet danni dawn ma humiex imputabbli lill-konvenut il-Qorti ssib illi dawn l-eċċezzjonijiet ma huma sorretti mill-ebda provi mressqa.

35. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqis illi l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenut ma huma fondati u għalhekk qed jiġu kollha respinti.

**Talbiet Attriċi**.

36. Is-soċjeta' attriċi ippruvat b'mod sodisfaċenti illi bejn il-partijiet hemm vinkolanti ftehim datat 24 ta' Marzu 2014[4] iffirmat min-naħa l-waħda minn Alex Meilak għan-nom tas-soċjeta' attriċi u min-naħa l-oħra l-konvenut fejn *inter alia* ġie miftiehem sew il-kontribuzzjonijiet li kellha tagħmel is-soċjeta' attriċi bi ħlas għall-kors ta' tagħlim tal-konvenut kif ukoll ġew stipulati dawk iċ-ċirkostanzi li jekk iseħħu l-konvenut ikun obbligat li jirrifondi lis-soċjeta' attriċi dak kollu li tkun ħallset sa dak inhar tal-ksur tal-ftehim.

37. Il-prova li avvera ruħu dak kontemplat fi klawsola 4.1 (b) tal-ftehim hija l-ittra ta' riżenja mill-impieg tal-attur datata 5 ta' Settembru 2018[5] meta mhux kontestat li f'dak iż-żmien il-konvenut kien għadu għaddej bil-kors in kwistjoni.

38. Għalhekk il-Qorti tqis illi bir-riżenja volontarja tiegħu waqt li kien għadu għaddej il-kors li għalih ħallset is-soċjeta' attriċi it-talbiet attriċi jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati u jimmeritaw li jiġu

[4] Kopja a fol. 6 tal-proċess
[5] Kopja a fol. 10 tal-proċess

akkolti billi tordna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' €16,988.15.

39. Dwar id-danni ulterjuri mitluba mis-soċjeta' attriċi l-Qorti tqis illi l-unika danni ulterjuri li s-soċjeta' attriċi hija intitolata għalihom huma l-imgħaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) fuq is-somma dovuta ai termini tal-**Artikolu 1139 tal-Kap. 16** li jistipula illi jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata. Jekk mit-talbiet attriċi s-somma tirriżulta determinata allura l-imgħax legali ma jibdiex jiddekorri mis-sentenza iżda mid-data tal-interpellazzjoni ġudizzjarja. (ara **Conrad Montebello vs. Neil Cilia u Actavis Limited** - Appell Superjuri - 26 ta' Ottubru 2022; ara wkoll **Miriam Mercieca vs. Mega Developments Limited** - Appell Superjuri - 26 ta' Ottubru 2022). Fil-kawża odjerna l-ewwel notifika ta' interpellazzjoni ġudizzjarja hija n-notifika tar-rikors ġuramentat.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tiċħad** l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut bħala infondati;

2. **Tilqa'** l-ewwel talba, tiddikjara illi l-konvenut kiser il-kondizzjonijiet tat-*Training Financial Agreement* iffirmat mill-partijiet fl-24 ta' Marzu 2014 bil-fatt illi bi ksur ta' klawsola 4.1 (b) tal-ftehim ittermina l-impieg tiegħu mas-soċjeta' attriċi meta kien għadu qed jattendi l-kors li għalih ħallset is-soċjeta' attriċi;

3. **Tilqa'** t-tieni talba, tiddikjara illi fit-termini tal-ftehim ta' bejn il-partijiet tal-24 ta' Marzu 2014 il-konvenut huwa obbligat iħallas lis-soċjeta' attriċi il-*programme fees* li hija ħallset fl-interess tal-konvenut kif fuq spjegat;

4. **Tilqa'** t-tielet talba, tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' sittax-il elf, disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€16,988.15);

5. **Tilqa** ir-raba u l-ħames talba, tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi l-imgħax legali fuq is-somma imsemmija ta' €16,988.15 b'effett mill-10 ta' April 2019, id-data tan-notifika tar-rikors' ġuramentat lill-konvenut, sad-data tal-effettiv pagament.

6. **Bl-ispejjeż** kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta' Novembru 2022

**Deputat Registratur**